MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2010

Numru. 407/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Clayton Fava**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Clayton Fava ta' 21 sena, bin Paul u Josephine nee' Zammit, imwieled il-Pieta' fis-17 ta' Lulju, 1987 u residenti 74, Sqaq Nru. 3, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 345887(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

A) Nhar l-20 ta' April, 2009, ghal habta ta' bejn it-8.00 ta' filghodu u nofsinhar, minn residenza li tinsab fil-fond : Nru. 73, 'Il-Bejta' , Sqaq Nru. 3, Triq San Guzepp, Haz-

Zabbar, ikkommetta is-serq ta’ kompjuter tat-tip ‘laptop’ u ta’ l-ghamla Apple, mudell ibook G4, liema ‘laptop’, kamera tar-ritratti digitali tal-ghamla Nikon, mudell D70 u gojjellerija li kienet tikkonsisti f’curkett tad-deheb u gizirana tad-deheb, ghad-dannu ta’ Colin Ellis minn Haz-Zabbar, liema valur jeccedi l-2329.37 ewro u liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok.

B) Fl-istess data, hin u lok ikkawza hsarat volontarji fl-istess residenza li tinsab fil-fond: Nru. 73, ‘Il-Bejta’, Sqaq Nru. 3, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, liema hsara teccedi it-23.29 ewro izda mhux izjed minn 116.47 ewro, ghad-detriment ta’ Colin Ellis minn Haz-Zabbar u persuni ohra.

C) Nhar l-20 ta’ April, 2009, xjentement f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’reat u xjentement b’kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta’ Settembru 2009 (esebita a fol. 111 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-Artikoli 261, 263(a), 264(1), 265, 266(1), 266(2), 267, 269(g), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Fl-artikoli 325(1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) Fl-artikoli 17, 31, 383(1), 383(2), 383(3) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-23 ta' April 2010, l-imputat Clayton Fava ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni registrata mill-imputat waqt l-udjenza tal-11 ta' Awissu 2o09 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga' intqal aktar 'il fuq l-imputat ghazel li jammetti l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu. Inoltre fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati fis-26 ta' April 2009 u inseriti a fol. 27 sa 32 tal-process l-imputat ammetta mal-ewwel mal-Pulizija li huwa kien wettaq is-serqa li tifforma l-mertu ta' din il-kawza. Din il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex alternattiva salv lli ssib lil-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ikkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet ghaliex kif jirrizulta mill-istqarrija minnu rilaxxjata huwa mal-ewwel ammetta l-involviment tieghu f'dan il-kaz. Il-Qorti izda kkunsidrat ukoll li l-imputat diga' instab hati tar-reat ta' serq u li huwa inghata l-opportunita' jirriforma ruhu izda naqas milli jaghmel dan. Mis-sottomissjonijiet maghmula kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mill-istess avukat difensur tal-imputat inoltre irrizulta li huwa ghandu problema serja ta' abbuz mid-droga u li huwa ghandu karattru dghajjef u

ghalhekk ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jeghleb din il-problema ta' abbuz mid-droga. Irrizulta wkoll li huwa prova jibda programm sabiex jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga izda ma kompliex l-imsemmi programm. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi l-aktar piena idoneja tkun wahda karcerarja, anki jekk vicin l-minimum imponibbli, b'rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga. Il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta t-tieni akkuza kienet mezz ghal fini tal-ewwel akkuza u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) fir-rigward u jidrilha wkoll li t-tielet akkuza, u cioe' dik ta' ricettazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza li taghha l-imputat qed jinstab hati u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza. Il-Qorti jidrilha inoltre li m'huwiex mehtieg li jigi applikat dak li jipprovdi l-Artikolu 383 fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-14 ta' Settembru 2009 u senjatament l-Artikoli 261, 263(a), 264(1), 265, 266(1), 266(2), 267, 269(g), 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) 325(1) (c), 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex il-hati jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga. Stante li t-tielet(3) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' hames mitt ewro u tlieta u sittin ewro centezmi (€500.63) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------